**24 ta' Jannar, 1963**

**Imhallef:**

**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Joseph Cacopardo

*versus*

Carmen Cacopardo

**Separazzjoni 'De Facto' — Ulied — Kustodja ta' — Patrija Potesta**

*Il-mara, f'każ ta' separazzjoni 'de facto' ma għandhiex id-dritt iżżomm fgħixu magħha t-tfal li jkunu soġġetti għall-patria potestà ta' żewġha.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li jippremetti illi fit-23 ta' Diċembru, 1962, f'xit-8 p.m. waqt li hu kien qed jirritorna mill-knisja mat-tifel tiegħu Carmelo sive Lino ta' sitt snin, il-konvenuta flimkien ma oħtha u missierha ħatfu t-tifel minn idejh u ħaduh f'karozza li kienet tistenna, u illi hu sab li l-konvenuta kienet ħadet mid-dar konjugali abusivament u mingħajr kunsens tiegħu t-tfal minuri l-oħra Joseph ta' erba' snin, Mary Rose ta' tliet snin u Stephen ta' erba' xhur, u ħadithom igħixu għand il-familja tagħha u impedietu milli jara u jieħu t-tfal tiegħu; u illi għalkemm intimata uffiċjalment il-konvennuta naqset li tirritorna l-imsemmijin ulied u dana kontra d-dritt tal-patria potestà tiegħu fuq uliedu minuri; — jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuta għarraġunijiet fuq imsemmija tiġi kundannata tirritorna lill-attur it-tfal minuri Carmelo sive Lino, Joseph, Mary Rose u Stephen aħwa Cocopardo, fi żmien qasir u perentarju taħt dawk il-provvedimenti li jogħġobha tagħti l-Qorti. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-interpellazzjoni ġudizzjarja u dawk tas-Sekond'Awla ta' din l-Qorti;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha teċċepixxi illi l-kura tat-tfal tiddependi mill-eżitu tal-proċeduri ta' separazzjoni personali li hi għamlet; illi f'kull każ, mhux fl-interess tat-tfal stess li ma jibqgħux ma ommhom;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenuta;

Semgħet lill-kontendenti bil-ġurament;

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat:—

Illi mill-provi jirriżulta li l-kontendenti żżewġu xi tmin

snin ilu u jinsabu mifrudin "de facto" minn xulxin, billi l-konvenuta abbandonat id-dar konjugali; u illi l-istess konvenuta meta abbandonat *din id-dar ħadet magħha* l-erba' uliedha msemmijin fiċ-ċitazzjoni, li huma wkoll ulied l-attur, u dan mingħajr il-kunsens ta' l-attur żewġha, anzi bi vjolenza, u ħadithom joqgħodu f'dar li missierha taha a dispożizzjoni tagħha;

Illi kif ġie ritenut mill-Onorabili Qorti tal-Appell fil-20 ta' Ġunju, 1952, in re Spiteri utrinque, it-tfal leġitimi huma soġġetti għall-patria potestà tal-missier, u l-omm mhiex investita mill-liġi b'ebda attribut ta' patria potestà. Bis-separazzjoni personali "de facto" bejn il-ġenituri, il-missier ma jitlifx id-drittijiet tiegħu ta' patria potestà fuq uliedu; salv li f'kawża ta' separazzjoni, jekk ikun il-każ, il-Qorti tipprovdi fl-interess ta' l-istess tfal dwar il-kustodja tagħhom. Għalhekk, meta l-ġenituri huma separati "de facto", il-mara ma għandhiex dritt iżżomm igħixu magħha t-tfal li jkunu soġġetti għall-patria potestà ta' żewġha (Vol. XXXVI, i, 179);

Illi fuq l-iskorta ta' dawn l-insenjamenti, id-domanda ta' l-attur tiġi milqugħa;

Għal dawn il-motivi:—

Tiddeċiedi billi tilqa' d-domanda, u hekk tikkundanna lil konvenuta tirritorna lill-attur it-tfal minuri msemmijin fiċ-ċitazzjoni, *li huma uliedu, ċioè Carmelo sive Lino,* Joseph, Mary Rose u Stephen, aħwa Cacopardo u dan fiż-żmien perentorju ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa. Fin-nuqqas ta' konsenja volontarja f'dan iż-żmien da parti tal-konvenuta, l-attur huwa awtorizzat li jipproċedi għall-esekuzzjoni tas-sentenza billi jinqeda mill-assistenza tal-marixxal ta' dawna l-Qrati, li fin-nuqqas fuq imsemmi jiġi awtorizzat li, permezz tal-mezzi li tatih il-liġi, jieħu mill-poter tal-konvenuta l-istess

tfal u jikkonsenjahom lill-attur. L-ispejjeż tal-kawża tħallashom il-konvenuta.